MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2007

Numru 135/2007

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Borg)
vs
Sinclair Camilleri, iben Carmelo, imwieled Pieta' fil-31 ta' marzu, 1985
u
Joseph John Cesare, iben Frank, imwieled l-Awstralja fid-19 ta' mejju, 1976

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli fit-23 ta' jannar, 2007, għal ħabta tad-9.00 a.m., minn kumpless ta' bini li jinsab taħt kostruzzjoni u jinsab fi Triq il-Foss, Fgura ikkomettew serq ta' diversi għodod u materjal użat fil-kostruzzjoni, liema valur tagħhom jammonta għal madwar Lm140 għad-dannu ta' Ġiuseppi

Psaila miż-Żurrieq, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-valur;
lil Sinclair Camilleri, waħdu –
2. talli fit-13 ta’ frar, 2007 u fil-ġimgħat ta’ qabel, xjentement, f’Malta laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, u xjentement, b’kull mod, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
lil Joseph John Cesare, waħdu –
3. talli fit-13 ta’ frar, 2007 u fil-ġranet ta’ qabel, żamm u ġarr arma bil-ponta,
cioe’ mus, mingħajr liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija.
Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li barra milli tagħti l-piena stabbilita mill-liġi, tapplika l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta tal-persuna hawn fuq imsemmija.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ frar, 2007 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputati.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Fil-konfront ta’ Sinclair Camilleri. Rat l-artikoli 261(b)(ċ), 263, 264, 267, 278(1)(2) u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta tordna l-ħruġ ta’ ‘Probation Order’ kontra tiegħu għal perjodu ta’ tlett snin mil-lum. Fil-konfront ta’ Joseph John Cesare. Rat l-artikoli 261(b)(ċ), 263, 264, 267 u 278(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta. . Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta tordna l-ħruġ ta’ ‘Probation Order’ kontra tiegħu għal perjodu ta’ tlett snin mil-lum. Tordna l-konfiska tal-mus eżebit. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------